



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

2010/0257(COD)

11.2.2011

ABBOZZ TA' OPINJONI

tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

għall-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Programm biex jiġi appoġġjat l-iżvilupp ulterjuri ta' Politika Marittima Integrata
(COM(2010)0494 – C7-0292/2010 – 2010/0257(COD))

Rapporteur: Rosa Estaràs Ferragut

PA_Legam

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Ir-reġjuni kostali huma fundamentali għat-tkabbir ekonomiku tal-Unjoni Ewropea u tal-Istati Membri tagħha. Ħafna minn dawn ir-reġjuni huma ċentri tas-sajd ewlenin, punti loġistiċi ta' impoortazzjoni u esportazzjoni u destinazzjonijiet turistiċi attraenti.

Il-Kummissjoni Ewropea, il-Kunsill u l-Parlament ħarġu diversi opinjonijiet dwar il-kunċett il-ġdid tal-Politika Marittima Integrata u dwar liema għandhom ikunu l-oġettivi tagħha. Dan huwa approċċ kumpless, iżda fl-istess ħin neċessarju. Fi ftit kliem, wieħed għandu japprofitta, b'mod sostenibbli, mill-potenzjal kollu tar-riżorsi marittimi għall-benefiċċju tal-Unjoni Ewropea kollha.

Huwa meħtieġ li, għalissa, jissaħħu l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-Politika Marittima Integrata billi jiġu allokati biżżejjed riżorsi finanzjarji, u li tingħata kontinwità lill-azzjonijiet preparatorji u l-proġetti pilota. Għaldaqstant, ir-rapporteur tappoġġja mingħajr eżitazzjoni l-proposta għal regolament ippreżentata mill-Kummissjoni Ewropea. Barra minn hekk, hija tqis li l-kwantità allokata hija suffiċjenti għall-għanijiet segwiti matul l-aħħar tliet snin tal-qafas finanzjarju multiannwali, hekk kif ġie enfasizzat fid-diversi kuntatti li saru. Kollox jindika li jista' jkun hemm kunsens suffiċjenti għal allokazzjoni ta' EUR 50 miljun għall-perjodu 2011-2013.

Ir-rapporteur tixtieq tenfasizza wkoll il-hteġa li, mill-2014, jiġi żgurat finanzjament suffiċjenti u kontinwu għall-qafas finanzjarju multiannwali li jmiss. Diġà beda l-proċess biex jiġu definiti l-Perspettivi Finanzjarji li jmiss u, billi l-Politika Marittima Integrata tikkostitwixxi prijorità tal-Unjoni, huwa meħtieġ, għaldaqstant, li din il-politika tingħata biżżejjed fondi minn qabel kif xieraq. Din l-allokazzjoni multiannwali ta' fondi m'għandhiex issir bi preġudizzju għal politiki oħra diġà kkonsolidati tal-Unjoni Ewropea.

Mill-perspettiva tal-finanzjament tad-diversi azzjonijiet permezz ta' dan il-programm, ikun tajjeb li jiġi rrispettat ċertu bilanċ reġjonali meta jingħataw il-fondi disponibbli. Ir-rapporteur tenfasizza din il-kwistjoni permezz tal-preżentazzjoni ta' emenda fl-Artikolu 2 tar-Regolament.

Il-bqija tal-emendi – fl-Artikoli 2, 3, 4, 10 u 11 – huma maħsuba biex jiċċaraw uħud mill-oġettivi tar-Regolament biex jiġu allinjati ma' dawk tal-Politika Marittima Integrata, biex jiġi ċċarat il-kontenut ta' wħud mill-azzjonijiet li jistgħu jiġu ssussidjati u biex tissaħħaħ ir-responsabbiltà tal-Kummissjoni fir-rigward tas-sorveljanza u l-kontroll fl-implimentazzjoni tal-programm.

EMENDI

Il-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali jistieden lill-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Emenda 1

Proposta għal regolament Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni

(5) Hemm bżonn ta' bażi finanzjarja kontinwa tal-Unjoni sabiex l-UE tkun tista' timplimenta u tkompli tiżviluppa l-Politika Marittima Integrata skont ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Mejju 2008 dwar il-Politika Marittima Integrata u ssegwi l-għanijiet prijoritarji kif stabbiliti fil-Blue Paper tal-Kummissjoni ta' Ottubru 2007, ikkonfermati fir-Rapport tal-Progress ta' Ottubru 2009 u approvati mill-konklużjonijiet tal-Kunsill għall-Affarijiet Ġenerali tas-16 ta' Novembru 2009.

Emenda

(Ma taffettwax il-verżjoni Maltija.)

Or. es

Emenda 2

Proposta għal regolament Premessa 5 a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(5a) Mill-2014, se jkunu meħtieġa riżorsi suffiċjenti li jippermettu l-iżvilupp u l-kisba tal-objettivi tal-Politika Marittima Integrata, bla preġudizzju għar-riżorsi allokat għal politiki oħra, u fl-istess ħin jiġi promoss l-iżvilupp sostenibbli tar-reġjuni marittimi tal-Unjoni Ewropea, inklużi l-gżejjer u r-reġjuni l-iktar imbiegħda.

Or. es

Emenda 3

Proposta għal regolament

Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni

(6) Il-finanzjament tal-Unjoni għandu jkun imfassal biex jappoġġja l-ħidma esploratorja fuq azzjonijiet li għandhom l-għan li jippromwovu l-għanijiet strateġiċi tal-Politika Marittima Integrata, inkluża l-governanza marittima integrata fil-livelli kollha, l-iżvilupp ulterjuri u l-implimentazzjoni ta' strateġiji integrati għall-baċiri tal-baħar imfassla għall-ħtiġijiet speċifiċi tal-baċiri tal-baħar differenti tal-Ewropa, id-definizzjoni tal-limiti tas-sostenibbiltà tal-attivitajiet umani fil-qafas tad-Direttiva ta' Qafas dwar l-Istrateġija Marittima, li tikkostitwixxi l-pilastru ambjentali tal-Politika Marittima Integrata, billi tingħata attenzjoni xierqa għall-impatti kumulattivi tagħhom, fuq il-bażi tal-approċċ tal-ekosistema, l-involvement ulterjuri tal-partijiet interessati fl-iskemi tal-governanza marittima integrata, l-iżvilupp ulterjuri ta' għodod trasversali għat-tfassil tal-politika integrata, il-promozzjoni tad-dimensjoni internazzjonali tal-Politika Marittima Integrata, u t-kabbir ekonomiku sostenibbli, l-impjiegi, l-innovazzjoni u l-kompetittività.

Emenda

(6) Il-finanzjament tal-Unjoni għandu jkun imfassal biex jappoġġja l-ħidma esploratorja fuq azzjonijiet li għandhom l-għan li jippromwovu l-għanijiet strateġiċi tal-Politika Marittima Integrata **u tal-koeżjoni territorjali f'dan il-kuntest speċifiku**, inkluża l-governanza marittima integrata fil-livelli kollha, l-iżvilupp ulterjuri u l-implimentazzjoni ta' strateġiji integrati għall-baċiri tal-baħar imfassla għall-ħtiġijiet speċifiċi tal-baċiri tal-baħar differenti tal-Ewropa **kif ukoll dawk tar-reġjuni kostali u insulari**, id-definizzjoni tal-limiti tas-sostenibbiltà tal-attivitajiet umani fil-qafas tad-Direttiva ta' Qafas dwar l-Istrateġija Marittima, li tikkostitwixxi l-pilastru ambjentali tal-Politika Marittima Integrata, billi tingħata attenzjoni xierqa għall-impatti kumulattivi tagħhom, fuq il-bażi tal-approċċ tal-ekosistema, l-involvement ulterjuri tal-partijiet interessati **reġjonali u lokali** fl-iskemi tal-governanza marittima integrata **f'diversi livelli**, l-iżvilupp ulterjuri ta' għodod trasversali **u ta' approċċ transsettorjali** għat-tfassil tal-politika integrata **maħsub biex itejjeb is-sinerġiji u l-koordinazzjoni bejn il-politiki u l-istrumenti eżistenti**, il-promozzjoni tad-dimensjoni internazzjonali tal-Politika Marittima Integrata, u t-kabbir ekonomiku sostenibbli, l-impjiegi, l-innovazzjoni u l-kompetittività, **filwaqt li tingħata attenzjoni partikolari lir-reġjuni l-iktar imbiegħda**.

Or. en

Emenda 4

Proposta għal regolament Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni

(7) Mhux il-prijoritajiet u l-miri kollha tal-Politika Marittima Integrata huma koperti minn strumenti oħrajn tal-Unjoni, bħall-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Ewropew għas-Sajd, is-Seba' Programm ta' Qafas għar-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u l-attivitajiet ta' dimostrazzjoni, l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA) u l-Istrument Ewropew għall-Viċinat u s-Sħubija u, għalhekk, jeħtieġ li ***jiġi stabbilit*** Programm li jappoġġja l-iżvilupp ulterjuri tal-Politika Marittima Integrata (li minn hawn 'il quddiem jissejjaħ 'il-Programm').

Emenda

(7) Mhux il-prijoritajiet u l-miri kollha tal-Politika Marittima Integrata huma koperti minn strumenti oħrajn tal-Unjoni, bħall-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Ewropew għas-Sajd, is-Seba' Programm ta' Qafas għar-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u l-attivitajiet ta' dimostrazzjoni, l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA) u l-Istrument Ewropew għall-Viċinat u s-Sħubija u, għalhekk, jeħtieġ li ***jiġu stabbiliti*** Programm li jappoġġja l-iżvilupp ulterjuri tal-Politika Marittima Integrata (li minn hawn 'il quddiem jissejjaħ 'il-Programm') ***u strumenti li, fi kwalunkwe każ, għandhom ikunu kkoordinati aħjar fil-qafas tal-politika marittima biex ikun hemm effiċjenza u effikaċja ikbar f'dan il-kuntest.***

Or. en

Emenda 5

Proposta għal regolament Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni

(15) Sabiex tiġi żgurata l-effikaċja tal-finanzjament tal-Unjoni, l-azzjonijiet ifffinanzjati skont dan ir-Regolament għandhom jiġu evalwati b'mod regolari.

Emenda

(15) Sabiex tiġi żgurata l-effikaċja tal-finanzjament tal-Unjoni, l-azzjonijiet ifffinanzjati skont dan ir-Regolament għandhom jiġu evalwati b'mod regolari, ***u wieħed għandu jiffoka, b'mod partikolari, fuq l-impatt territorjali tagħhom.***

Or. en

Emenda 6

Proposta għal regolament Artikolu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) li jrawwem l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-governanza integrata tal-affarijiet marittimi u kostali u l-istrateġiji integrati tal-baċiri tal-baħar;

Emenda

(a) li jrawwem l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-governanza integrata ***f' diversi livelli*** tal-affarijiet marittimi u kostali u l-istrateġiji integrati tal-baċiri tal-baħar, ***filwaqt li jiġi żgurat approċċ minn isfel għal fuq li jinvolvi l-awtoritajiet reġjonali u lokali b' mod effikaċi***;

Or. en

Emenda 7

Proposta għal regolament Artikolu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) li jikkontribwixxi għall-iżvilupp tal-ġhodod li jinqasmu fil-linji politiċi settorjali relatati mal-baħar u l-kosta;

Emenda

(b) li jikkontribwixxi għall-iżvilupp tal-ġhodod li jinqasmu fil-linji politiċi settorjali relatati mal-baħar u l-kosta ***u jiżgura koordinazzjoni aħjar ta' dawn il-politiki u l-istrumenti relatati***;

Or. en

Emenda 8

Proposta għal regolament Artikolu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) li jappoġġja t-tfassil ta' politika magħquda u li jippromwovi l-użu sostenibbli tar-riżorsi marittimi u kostali u t-tkabbir ekonomiku sostenibbli, l-innovazzjoni u l-impjiegi fis-setturi marittimi u r-reġjuni kostali, b'koerenza

Emenda

(c) li jappoġġja t-tfassil ta' politika magħquda u li jippromwovi l-użu sostenibbli tar-riżorsi marittimi u kostali u t-tkabbir ekonomiku sostenibbli, l-innovazzjoni u l-impjiegi fis-setturi marittimi u r-reġjuni kostali ***u insulari u***,

mal-prijoritajiet u l-azzjonijiet tal-politika settorjali;

b'mod partikolari fir-reġjuni l-iktar imbiegħda, b'koerenza mal-prijoritajiet u l-azzjonijiet tal-politika settorjali;

Or. en

Emenda 9

Proposta għal regolament Artikolu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

(d) li jkompli jiddefinixxi l-limiti tas-sostenibbiltà tal-attivitajiet umani li jħallu impatt fuq l-ambjent marittimu, fil-qafas tad-Direttiva ta' Qafas dwar l-Istrateġija Marittima;

Emenda

(d) li jkompli jiddefinixxi l-limiti tas-sostenibbiltà tal-attivitajiet umani li jħallu impatt fuq l-ambjent marittimu ***u fuq ir-reġjuni kostali u insulari***, fil-qafas tad-Direttiva ta' Qafas dwar l-Istrateġija Marittima;

Or. en

Emenda 10

Proposta għal regolament Artikolu 2 – punt d a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

(da) li jippromwovi l-involviment attiv tar-reġjuni marittimi periferiċi u jrawwem ir-relazzjonijiet bejn dawn ir-reġjuni, ir-reġjuni l-iktar imbiegħda u daww insulari maċ-ċentri ekonomiċi tal-art kontinentali;

Or. en

Emenda 11

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-objettivi ġenerali tal-Programm għandhom jiġu segwiti filwaqt li jinżamm bilanċ territorjali adegwat fir-rigward tal-finanzjament ta' azzjonijiet fid-diversi baċiri tal-baħar.

Or. es

Emenda 12

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(a) ***ihėgėėg*** lill-Istati Membri jew reġjuni biex jiżviluppaw jew jintroduċu l-governanza marittima integrata;

(a) ***jassisti*** lill-Istati Membri jew reġjuni biex jiżviluppaw jew jintroduċu l-governanza marittima integrata ***f'diversi livelli***;

Or. en

Emenda 13

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(b) jistimula u jsaħħaħ id-djalogu u l-kooperazzjoni ma' u fost il-partijiet interessati fuq kwistjonijiet trasversali relatati mal-Politika Marittima Integrata;

(b) jistimula u jsaħħaħ id-djalogu u l-kooperazzjoni ma' u fost il-partijiet interessati ***fil-livelli kollha tal-governanza kif ukoll mas-soċjetà ċivili*** fuq kwistjonijiet trasversali relatati mal-Politika Marittima Integrata;

Or. en

Emenda 14

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) jiffaċilita l-isfruttament tas-sinerġiji, il-qsim tal-informazzjoni u l-iskambju tal-aqwa prattiki dwar il-politika marittima, *inkluż il-governanza u l-linji* politiċi settorjali li għandhom impatt fuq l-ibħra reġjonali jew ir-reġjuni kostali jew

Emenda

(c) jiffaċilita l-isfruttament tas-sinerġiji, il-qsim tal-informazzjoni u l-iskambju tal-aqwa prattiki dwar il-politika marittima, *inkluża l-governanza u dwar il-linji* politiċi settorjali li għandhom impatt fuq l-ibħra reġjonali jew ir-reġjuni kostali **u insulari**, jew

Or. en

Emenda 15

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

(d) jippromwovi n-netwerks u l-pjattaformi tal-kooperazzjoni *trans-settorjali*, inklużi interessi mill-industrija, partijiet interessati fil-qasam tar-riċerka, *reġjuni*, awtoritajiet pubbliċi **u** NGOs;

Emenda

(d) jippromwovi n-netwerks u l-pjattaformi tal-kooperazzjoni *transsettorjali*, inklużi interessi mill-industrija, partijiet interessati fil-qasam tar-riċerka, *awtoritajiet reġjonali u lokali u* awtoritajiet pubbliċi *oħra kif ukoll* NGOs;

Or. en

Emenda 16

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) Ippjanar tal-Ispazju Marittimu u ġestjoni integrata taż-żoni kostali, li t-tnejn jipprovdu għodda fundamentali għall-

Emenda

(b) Ippjanar tal-Ispazju Marittimu u ġestjoni integrata taż-żoni kostali **li jippromwovu l-kooperazzjoni territorjali**

ġestjoni bbażata fuq l-*eko-sistema* u l-
iżvilupp sostenibbli taż-żoni marittimi u r-
reġjuni kostali;

***jew jibnu fuq strutturi eżistenti tal-
kooperazzjoni territorjali u li t-tnejn
jipprovdu għodda fundamentali għall-
ġestjoni bbażata fuq l-*ekosistema* u l-
iżvilupp sostenibbli taż-żoni marittimi u r-
reġjuni kostali;***

Or. en

Emenda 17

Proposta għal regolament Artikolu 4 – punt a a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

***(aa) konsultazzjoni mal-partijiet
interessati rilevanti fil-livell reġjonali u
lokali dwar kwistjonijiet relatati mal-
ħtiġijiet speċifiċi kif ukoll dwar l-impatt
territorjali ta' kwalunkwe miżura
prevista;***

Or. en

Emenda 18

Proposta għal regolament Artikolu 4 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

d) il-ġbir, il-monitoraġġ, il-
viżwalizzazzjoni u l-iżgurar tal-aċċess
pubbliku għal ammont sinifikanti ta' data,
l-aqwa prassi u database fuq proġetti
reġjonali ffinanzjati mill-Unjoni, ***inkluż,
fejn xieraq, permezz ta' segretarjat għal
wieħed jew aktar minn dawn l-għanijiet;***

d) il-ġbir, il-monitoraġġ, il-
viżwalizzazzjoni u l-iżgurar tal-aċċess
pubbliku għal ammont sinifikanti ta' data,
l-aqwa prassi u database fuq proġetti
reġjonali ffinanzjati mill-Unjoni;

Or. es

Emenda 19

Proposta għal regolament Artikoli 10 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni

6. Il-Kummissjoni għandha **tieġu l-passi l-oħrajn kollha meħtieġa biex** tivverifika li l-azzjonijiet iffinanzjati jitwettqu kif suppost u b'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u r-Regolament Finanzjarju.

Emenda

6. Il-Kummissjoni għandha **tevalwa l-impatt territorjali tal-Programm,** tivverifika li l-azzjonijiet iffinanzjati jitwettqu kif suppost **u huma konsistenti mal-miżuri skont il-politiki settorjali u l-istrumenti l-oħra** u b'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u r-Regolament Finanzjarju.

Or. en

Emenda 20

Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-Kummissjoni għandha **tiżgura** li, meta jiġu implimentati l-azzjonijiet iffinanzjati taħt dan il-Programm, l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jiġu protetti permezz ta':

Emenda

1. Il-Kummissjoni għandha **tkun iżgura** li, meta jiġu implimentati l-azzjonijiet iffinanzjati taħt dan il-Programm, l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jiġu protetti permezz ta':

Or. es